MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 898/2001/1

**Nadia Borg**

**vs**

**Mediterranean International Business Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Settembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm791.47), u fejn intqal:**
**Illi l-attrici kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta b'kuntratt definittiv (kopja annessa u mmarkata Dok.A). Illi dan il-kuntratt kellu jiskadi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, 2001;**

**Illi qabel din id-data, fid-disgha t'April, 2001, l-attrici intbaghtet mix-xoghol minghajr raguni valida u inghatat avviz tat-terminazzjoni ta' l-impieg (kopja annessa mmarkata Dok.B);**

**Illi l-ammont mitlub jirraprezenta nofs il-paga kollha li kienet tmiss l-attrici bhala impjegata li ntbaghtet mix-xoghol qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz u dana skond il-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata anke ufficjalment sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;**

**Ghalhekk qed issir din il-kawza sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas l-hawn fuq imsemmi ammont ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm791.47) lill-attrici;**
**Bl-ispejjez kollha, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-26 ta' Lulju, 2001, bl-imghax legali mid-9 t'April, 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-14 ta' Dicembru, 2001, fejn gie eccepit:**

**i. preliminarjament, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal "rationae materiae". Referenza qed issir ghall-kawza fl-ismijiet "Martin Aquilina noe vs Monica Chircop" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 t'Ottubru, 1998;**
**ii. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu l-impieg ta' l-attrici kien gie terminat skond it-termini tal-kuntratt ta' l-impieg u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha;**
**iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Nadia Borg. Ra l-affidavits ta' Salem M. Shueb, Mohammed A. Sweib. Ra n-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill- attrici u n-nota ta'**

**referenzi pprezentata mis-socjeta` konvenuta. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attrici qed titlob hlas ta' ammont ta' flus rapprezentanti nofs il-paga li kienet lilha dovuta bhala impjegata, peress li din intbghatet mix-xoghol qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt taghha ta' servizz.**
**2. Jirrizulta li l-attrici kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta skond ftehim datat 6 ta' Marzu, 2001. Il-kuntratt kien ghall-sena. Fil-ftehim hemm stipulat li l-attrici kellha tibda tahdem fis-27 ta' Novembru, 2000. Ghal zmien sena.**
**3. Jirrizulta li hi hadmet it-tlett xhur probation, u kienet tahdem bhala segretarja mas-socjeta` konvenuta. Il-paga taghha kienet ta' tlett mitt lira Maltija fix-xahar. Fir-raba xahar qalulha li ma setghetx tiehu l-paga miftiehma, u tawha mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), u qalulha li l-kumpanija kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji. Sussegwentement fid-9 ta' April, 2001, temmewla l-impieg.**
**4. Skond Salem M.Shueb, Managing Director tas-socjeta` konvenuta, is-salarju ta' l-attrici kien ta' mitejn u hamsin lira Maltija fix-xahar. Skond Shueb, f'Marzu l-attrici kienet avvicinatu bil-ftehim ghall-firma tieghu, u jghid li meta ra l-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) staqsiha jekk Mohamed Sweib l-Acting Manager u certu Beshmir Agoub, li kien jiffirma c-cekkijiet, kienux jafu b'dan, u hi qaltlu li kienu approvaw, u hu ffirma "in bona fede". Jghid li sussegwentement Sweib indaga mieghu dwar id-differenza ta' hamsin lira, u skopra li ma kienx minnu li kienu approvaw, ghalhekk iddecidew li jitterminawlha l-impieg.**
**5. Skond Sweib kien fl-ahhar ta' Marzu li indunaw biz-zieda ta' hamsin lira Maltija.**

**6. Fl-ewwel lok it-Tribunal qed jikkunsidra l-eccezzjoni sollevata dwar l-inkompetenza tat-Tribunal "rationae materiae".**
**7. L-Artikolu 3(2) talKap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar:**
**"….ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira (Lm1500.00)"**
**8. Kif sewwa rrilevat l-abbli difensur ta' l-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-Artikolu 3(5) isemmi dawk il-kwistjonijiet li dwarhom ma ghandux gurisdizzjoni t-Tribunal, u fosthom ma hemmx imsemmi hlas ta' paga fuq terminazzjoni ta' impieg.**
**9. Kif sewwa rilevat ukoll mid-difensur tra' l-attrici, is-sentenza citata mis-socjeta` konvenuta, cioe` "Martin Aquilina pro et noe vs Moira Chircop" deciza mill-Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri fil-15 ta' Ottubru, 1998, kienet tirrigwarda kwistjoni kompletament differenti minn dik odjerna. Apparti li dak li jiddetermina il-kompetenza tat-Tribunal, f'dik il-kawza gie aktar argumentat a bazi tad-dibattiti Parlamentari, milli tal-Ligi "ut sic".**
**10. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ma jarax li din il-kawza taqa' barra mill-parametri tieghu ghall-dik li hi kompetenza, u ghalhekk ser ikompli billi jikkunsidra l-fatti fil-mertu.**

**11. Ma hemmx dubbju li t-Tribunal gie konfrontat b'zewg versjonijiet dijametrikamment opposti. Minn naha l-wahda. L-attrici qed issostni li gie terminat l-impieg taghha bla raguni valida, filwaqt li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta taw versjoni kompletament differenti, u dawna qed jghidu li l-ftehim gie terminat peress li kien hemm nuqqas ta' fiducja fl-attrici. Dawn il-versjonijiet tal-konvenuti ma gew bl-ebda mod konfrontati jew ribattuti, ghajr dejjem dak li qalet l-attrici.**
**12. Ghalhekk fic-cirkostanzi, it-Tribunal ma jsibx li hemm bazi sufficjenti sabiex tigi akkolta t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax soddisfacentement pruvata it-Tribunal qed jichad it-talba.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------